PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

30 ta' Jannar 2026

Lill-Onorevoli Dottor Alex Borg
Kap tal-Oppożizzjoni

Għażiż Dottor Borg,

Nirreferi għall-ittra tiegħek tad-29 ta' Jannar dwar il-proċess relatat mal-ħatra tal-Prim Imħallef.

Niċħad li qatt kien hemm xi ftehim jew intiża li l-Gvern ma jiddikjarax l-isem tan-nominat tiegħu għall-kariga ta' President tal-Qorti. Dan partikolarment wara li l-isem propost mill-Gvern ġie kkomunikat lilek b'mod formali f'ittra datata 28 ta' Jannar 2026, wara li kontu ilkom informati bl-isem sa mit-12 ta' Jannar 2026.

Ladarba l-isem propost ġie kkomunikat formalment, kien mhux biss xieraq iżda wkoll fl-interess pubbliku li jiġi ċċarat li l-Gvern kien qiegħed iressaq dan l-isem 'il quddiem għal din il-kariga Kostituzzjonali. Dan sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta' trasparenza u ċertezza fil-proċess.

Fl-istess waqt nirrileva li jekk kien hemm dikjarazzjonijiet li kisru l-kunfidenzjalità, dawn kienu dawk espressa fl-ittra tiegħek, meta fir-raba' paragrafu ssemmi dak li allegatament għidtlek jien.

Jien kuntrarjament għal dan, b'rispett lejn il-kunfidenzjalità u b'kortesija qatt ma rreferejt għad-diffikultajiet espressi minnek biex tikkonvinċi lil terzi bin-nomina. Liema diffikultajiet, ċertament li tapprezza, m'għandhom qatt jiffiguraw fost il-kriterji għal din l-għażla.

Filwaqt li nibqa' dispost niddiskuti l-ħatra ta' Prim Imħallef, nirrijafferma li l-fehma kkunsidrata tal-Gvern hija li l-Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera għandha l-kwalitajiet meħtieġa u l-kredenzjali kollha neċessarji sabiex twettaq id-dmirijiet ta' din il-kariga.

Nitolbok għalhekk biex tinfurmani mill-aktar fis bil-pożizzjoni tal-Oppożizzjoni rigward il-ħatra tal-Imħallef Scerri Herrera.

Inselli għalik,

**Robert Abela**

k. L-Onor Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, Dottor Jonathan Attard